A.L. 132 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 dwar ir-Rati ta' *Allowance* għal Studenti tas-*Sixth Form*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 41 u 47 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar ir-Rati ta' *Allowance* għal Studenti tas-*Sixth Form*.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1996.

Allowance ta' kull xahar.

2. Għandha tiħallas *allowance* ta' kull xahar ta' Lm38.16c lil Studenti tas-*Sixth Form* li jkunu qegħdin fl-ewwel sena u *allowance* ta' kull xahar ta' Lm48.97c4 lil studenti tas-*Sixth Form* li jkunu qegħdin fit-tieni sena u li lkoll:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom il-kwalifiki akkademiċi meħtieġa biex jidħlu fil-*Junior College* Ġian Franġisk Abela;

(ċ) ikunu reġistrati bħala studenti *full-time* li jkunu qegħdin jagħmlu l-istudji tagħhom f'*Sixth Forms* statali jew f'oħrajn rikonoxxuti jew fil-*Junior College* Ġian Franġisk Abela; u

(d) ikunu qegħdin jattendu s-*Sixth Form* regolarment u jkunu qegħdin jagħmlu progress sodisfaċenti.

Żmien ta' ħlas.

3. L-*allowances* jitħallsu matul il-perjodu bejn Ottubru u Ġunju ta' kull sena akkademika, inklużi l-vaganzi tal-Milied u ta' l-Għid:

Iżda l-istudenti li jinħtieġu jirrepetu xi sena mill-kors ta' sentejn tas-*Sixth Form* ma jkollhomx jedd jirċievu *allowance* matul dik is-sena li huma jkunu qegħdin jirrepetu;

Iżda wkoll, student li l-progress tiegħu (kif stmat permess ta' proċeduri ta' stima perjodiċi) jitqies li ma jkunx sodisfaċenti, jew li ma jkunx qiegħed jattendi regolarment, jitlef il-jedd li jirċievi l-*allowance* sa dak iż-żmien meta l-prinċipal tal-iskola involuta jiċċertifika li dak l-istudent ikun qed jagħmel progress sodisfaċenti jew li jkun qiegħed jattendi regolarment.